# It-Titular

Diċembru 2011

Ħarġa 13



Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Est. 1993
Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, L-Imqabba
www.santamarija.com




**8, Church Square,**
**L-Imqabba**
**Tel: 79050724**

**Opening Hours:**
**Monday to Thursday**
**6.00pm till 11.00pm**
**Weekends from 6.00pm till late**
**& Sunday from 5.00pm till late**

---

PISANI TRADITION
DewFresh
SINCE 1884

**DEWFRESH PRODUCTS LIMITED**
**2nd Floor, Pastoral House,**
**Prince Albert Str.,**
**Albertown, Marsa HMR 17, Malta.**

**Opening Hours: 08:00 till 15:00**

---

# SHOEZ

**Opening Hours Mon to Sat**
**9.15 to 12.15 mornings**
**4.15 to 19.15 evenings**

**Address - SHOEZ Misraħ Ir-Repubblika,**
**iż-Żurrieq**
**(Fil-pjazza quddiem il-knisja)**



**For Women, Men, Kids SHOEZ**

# Editorjal Iċċelebrajna b'Devozzjoni!

Għeżież Qarrejja,

Diċembru reġa' wasal, u għalhekk, waslet biex tintemm sena oħra; sena oħra ta' sodisfazzjon kbir, li żgur kienet memorabbli għas-Soċjetà tagħna. Nistgħu nħarsu lura u niftakru fl-attivitajiet passati billi nħarsu lejn ir-ritratti; ritratti li ser juru l-bosta suċċessi li s-Soċjetà għaddiet minnhom.

Is-Sena 2011 kienet waħda speċjali minn kull att, fejn konna qegħdin niċċelebraw il-175 sena mill-miġja tal-istatwa Titulari ta' Santa Marija f'raħalna. Bil-Festa grandjuża li din is-sena organizzajna, komplejna kkonfermajna l-ħila tal-membri fi ħdan is-sezzjonijiet varji li lesti jaħdmu flimkien biex jgħollu isem din is-soċjetà ddedikata lejn sidtna Marija.

Però din is-sena kienet waħda speċjali, u minħabba dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kellna festa oħra f'Novembru. Kif nistgħu ma nsemmux l-attivitajiet oriġinali u ta' livell għoli li ġew organizzati bejn il-25 ta'Ottubru u l-1 ta'Novembru. Ta'min jirrimarka l-punt li dawn l-attivitajiet ġew organizzati b'koordinazzjoni perfetta minn kull sezzjoni fi ħdan din is-soċjetà. Dawn kienu wkoll ċelebrazzjonijiet ta' tagħlim, b'mod speċjali bis-Seminar Artistiku fuq il-Vara ta' Santa Marija li sar nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru. Dakinhar, dawk kollha li kienu preżenti setgħu jsiru jafu aktar l-istorja u l-fatti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-miġja ta' din l-istatwa, mija u ħamsa u sebgħin sena ilu. Kif nistgħu ma nsemmux l-'Akkademja Mużiko Letterarja' ta' livell Impekkabbli li ġiet imtellgħa mill-Banda Re Ġorġ V, nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru. X'esperjenza memorabbli dik, meta waqt li l-Banda kienet qed tesebixxi opri uniċi miktuba apposta għal dik il-lejla, beda jinqara r-rakkont tal-Gwerra. Kienet ta' unur għal kull Imqabbi meta waqt li beda jinqara r-rakkont tal-attakk fuq l-Imqabba, indaqqet is-sirena fil-Knisja Parrokkjali! Nhar it-30 ta' Ottubru, il-komunità Mqabbija reġgħet laqgħet b'merħba tassew Kbira lill-Arċisqof ta' Pajjiżna, Mons. Pawl Cremona. Kemm kienet Sabiħa l-Omelija tal-Arċisqof waqt dan il-Pontifikal Solenni, li kienet kollha kemm hi fuq il-Madonna, b'ħarsa speċjali fuq Santa Marija. Għalaqna dawn iċ-ċelebrazzjonijiet bil-Kbir; b'Pellegrinaġġ Devot bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija. Xi privileġġ kellhom ħafna mill-Partitarji tas-Soċjetà Santa Marija, meta nhar l-1 ta' Novembru, fl-anniversarju tad-Domma tal-Assunta, refgħu lill-istess statwa tal-Patruna tal-Imqabbin bil-Mozzetta l-Ħamra! Din il-ġimgħa speċjali ta' devozzjoni li s-Soċjetà Santa Marija flimkien mal-Parroċċa organizzat ġiet fi tmiemha b'ċapċipa Kbira u Mistħoqqa lil Santa Marija, talli dejjem iżżomm idejha fuq KULL Imqabbi!

Bħal-lum sena, is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet għaddejja bl-aħħar preparamenti għal attività oħra fuq livell Nazzjonali; il-Presepju Ħaj. Dis-sena, dan il-Presepju ma setax isir minħabba ċirkustanzi li ħadd m'għandu kontroll fuqhom. Però, aħna fiduċjużi li dan il-proġett ser jibqa' jsir u jkompli jikber fis-snin li ġejjin! Madankollu, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ, u l-bqija tal-għaqdiet fi ħdan din is-soċjetà, xorta ser jorganizzaw attivitajiet differenti għal kulħadd, miż-żgħir għall-kbir, li jkomplu juru l-għaqda kbira fis-Soċjetà tagħna!

Ta' dan ix-xogħol u s-suċċessi għandna nirringrazzjaw lil Ommna Marija li żżomm idejha dejjem fuqna, u tilluminana biex inkomplu naħdmu għall-ġid tas-soċjetà, u għall-komunità Mqabbija. Il-President u l-bqija tal-membri fil-kumitat taż-żgħażagħ jixtiequ jirringrazzjaw lill-partitarji kollha għas-sapport u l-għajnuna tagħhom.

Nawguraw Milied Hieni, u sena mimlija risq u barka!

**Minn Jeremy Mercieca,**
f'isem il-Bord Editorjali!


# IT-TITULAR

Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Mqabba
Est. 1993
Soċjetà Santa Marija u
Banda Re Ġorġ V,
'Palazz Santa Marija', Pjazza tal-Knisja,
L-Imqabba MQB 1011 - Malta
**Tel:** 21683020
**website:** www.santamarija.com
**email:** youths@santamarija.com

**Bord Editorjali:**
Jeremy Mercieca, Joseph Briffa

**Proof Reading:**
Stefano Farrugia

**Issettjat u Stampat:**
Best Print Co. Ltd, Il-Qrendi. Tel: 99499084

# Messaġġ mis-Segretarja tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija

**Marica Mifsud**



Għeżież Żgħażagħ, soċi u partitarji, u qarrejja,

Huwa ta' pjaċir tiegħi li għall-edizzjoni tal-Milied, tal-pubblikazzjoni 'It-Titular', kien imiss lili li nwassal dan il-messaġġ u naqsam magħkom xi ħsibijiet żgħar.

Għaldaqstant nixtieq nibda billi nagħti l-prosit tiegħi lill-Kumitat Ċentrali, kif ukoll lill-kappillan u l-kleru tal-attivitajiet organizzati fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fostna. Fil-bidu tax-xahar li għadda ċċelebrajna flimkien dawn il-festi, f'dawl iktar kristjan bil-qofol tagħhom jintlaħaq nhar l-1 ta' Novembru, jum id-domma tal-fidi tal-Assunzjoni. Kienu festi sbieħ u mmirati lejn l-Imqabbin kollha, li żgur ħa jibqgħu fil-memorja ta' min attenda, għalhekk mill-ġdid, prosit.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ, wara li għaddiet il-festa ta' Santa Marija għal din is-sena b'suċċess għall-fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà reġgħet waqqfet il-Kumitat tagħha f'Ottubru li għadda. Minn hawnhekk insellmu lil dawk il-membri li kienu fil-kumitat tas-sena l-oħra u nirringrazzjawhom tas-sehem kbir li taw, filwaqt li nawguraw ħidma ta' sodisfazzjon lill-membri ġodda fi ħdan dan il-kumitat li huma Maria Psaila Ghigo, Rebecca Farrugia, Rebecca Grech, Matthew Ellul, Justin Galea u Jurgen Farrugia.

Għal sena oħra, is-sezzjoni Żgħażagħ, rat li terġa' tniedi l-laqgħat mal-partitarji ċkejknin sal-jiem tas-sajf permezz tal-klabb 'Tfal tat-Titular'. Rajna wkoll li kien t'għaqal li jintlaħaq sottokumitat għal dan il-klabb, b'hekk ma' xi membri tal-kumitat ingħaqdu Charmaine Azzopardi, Mary Rose Baldacchino u Samantha Baldacchino. Il-laqgħat se jibdew isiru kull nhar ta' Sibt bejn it-3pm u l-4.30pm. Għalhekk inħeġġu lill-ġenituri kollha sabiex jibagħtu lit-tfal tagħhom fejn se jieħdu gost ma' sħabhom filwaqt li jitgħallmu tagħlim t'interess.

Din is-sezzjoni mhix magħmula minna t-tlettax-il żagħżugħ/a iżda miż-żgħażagħ kollha partitarji ta' din is-soċjetà; għalhekk minn hawn, nixtieq li nirringrazzja lil dawk iż-żgħażagħ kif ukoll persuni oħra li tul iż-żminijiet dejjem kienu t'għajnuna u appoġġ għalina ż-żgħażagħ, għaliex żgur li mingħajr l-għajnuna tagħhom dak kollu li jiġi mtella' matul is-sena ma jistax ikun possibbli. Għaldaqstant ngħidulkom grazzi filwaqt li nwegħdukom ħidma kontinwa tul din is-sena.

Fl-aħħar nett f'ismi u f'isem sħabi membri tal-kumitat nixtiqilkom Milied mimli barka u hena fi spirtu ta' ferħ veru hekk kif tridna niċċelebrawh Ommna Marija, li aħna tant inħobbu.

# Messaġġ mill-Presidenta tas-Sezzjoni Nisa Santa Marija Mqabba

**Franġiska Ghigo**



Għeżież Soċi u Partitarji,

Għandi pjaċir kbir li bħala presidenta tas-Sezzjoni Nisa qed inwassal dan il-messaġġ tiegħi f'din il-pubblikazzjoni li tant tintlaqa' tajjeb minn kull sezzjoni tas-Soċjetà għażiża tagħna. 'It-Titular' hija pubblikazzjoni li fiha ż-żgħażagħ tagħna jagħrfu jwasslu messaġġ tant tajjeb lin-nies ta' rieda tajba, speċjalment f'din il-ħarġa ta' qabel il-festa sabiħa tal-Milied.

Iż-żgħażagħ ta' kull soċjetà huma l-Futur; l-irġiel ta' għada li jridu jmexxu lis-Soċjetà b'ċertu għaqal bħalma għamlu ta' qabilna, u qegħdin jagħmlu dawk tal-lum. Iż-żgħażagħ huma bħal ġawhar f'soċjetà, speċjalment f'din is-Soċjetà għażiża tagħna. Dan għaliex dejjem kien hemm grupp li jħabrek u jaħdem biex jorganizza attivitajiet diversi matul is-sena kollha, speċjalment fl-aħħar xhur ta' qabel il-festa.

Jien inħares lejhom b'ċerta mħabba, ammirazzjoni u għożża għaliex għalkemm għadhom ta' età żgħira, għandhom ċertu maturità u serjetà. Matul din is-sena li dalwaqt ser tispiċċa, dawn iż-żgħażagħ ħadmu ħafna, barra li ħadmu għall-festa annwali Titulari ta' Santa Marija f'Awwissu, dawn ħadmu wkoll għal Festa sabiħa oħra b'devozzjoni li aħna ċċelebrajna f'Ottubru u Novembru; f'għeluq il-175 sena tal-miġja tal-vara għażiża tal-Patruna tal-Imqabbin Kollha, Santa Marija.

Huwa pjaċir kbir tiegħi meta mmur il-każin u narahom iħabirku biex jagħmlu xi biċċa xogħol tajba, fejn jidħlu għaliha b'entużjażmu kbir sabiex il-prodott finali jkun wieħed tajjeb. Huwa pjaċir ukoll tarahom hekk magħqudin jaħdmu lkoll flimkien b'għan wieħed.

Qed nagħlaq dan il-messaġġ qasir, billi nawgura l-Milied it-tajjeb u sena mimlija b'kull risq u barka lill-qarrejja kollha ta' din il-pubblikazzjoni. Nitlob lil Alla l-imbierek iżomm idejh fuqkom, biex bl-għajnuna ta' Santa Marija dejjem timxu 'l quddiem fis-sewwa.

Viva Santa Marija!

*Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija*
*tixtieq tawgura*
*Milied Hieni u Sena Mimlija Risq u Barka*
*lis-Soċi u lill-Partitarji Kollha!*

# Iċ-Ċelebrazzjonijiet organizzati mill-parroċċa fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-vara titulari

Bejn l-2010 u l-2011 l-anniversarju ewlieni tal-parroċċa tal-Imqabba kien marbut mal-vara tal-patruna tar-raħal tagħna. L-attivitajiet bdew fl-1 ta' Novembru 2010 b'quddiesa solenni u kantata mmexxija mill-Imqabbi Mons. Joe Bugeja. Għal din l-okkażjoni għall-ewwel darba fl-Imqabba l-parroċċa ħarġet santa bi xbieha antika tal-vara titulari u bit-Talba tal-parroċċa miktuba għall-okkażjoni mill-Imqabbi Kan. Dun Jonathan Farrugia. Bejn Lulju u Novembru ta' din is-sena twaħħlu bid-dawl mal-faċċata d-dati 1836 u 2011 sabiex kull min jgħaddi mill-pjazza jiftakar f'dan l-anniversarju tant importanti.

Il-festa titulari ċċelebrata bejn id-29 ta' Lulju u t-22 ta' Awwissu wkoll kellha marbutin magħha xi attivitajiet straordinarji. Il-Q. T. il-Papa Benedittu XVI bagħat il-barka appostolika tiegħu fuq il-parroċċa f'din l-okkażjoni speċjali. Għall-ewwel darba l-ġranet kollha tal-Kwindiċina kellhom tema u b'hekk setgħu jintlaħqu l-kategoriji kollha tas-soċjetà Mqabbija: it-tfal, iż-żgħażagħ, il-miżżewġin, l-anzjani, ir-reliġjużi, il-ħaddiema tan-nar u l-għaqdiet. Sar ukoll quddies speċjali għall-koppji li għalqu 25 u 50 sena miżżewġin, għall-vokazzjonijiet kif ukoll għall-Imqabbin li mietu mill-festa tas-sena l-oħra sal-aħħar ta' Lulju ta' din is-sena.

Il-ħruġ tal-vara fuq iz-zuntier minn din is-sena sar mhux biss bis-sehem tal-banda, imma wkoll bit-talb bejn innu u ieħor. Din l-innovazzjoni pastorali, apparti milli tat aktar sens lill-ħruġ tal-istatwa li huwa l-uniku wieħed solenni fl-Imqabba u magħqud ma' funzjoni liturġika, intlaqgħet tajjeb ħafna min-nies miġbura li pparteċipaw bl-aktar mod xieraq u dinjituż waqt it-talb li sar. Wara ħafna snin din is-sena kellna x-xorti li t-tridu tal-festa għamlu saċerdot mill-parroċċa tagħna.

It-tranżulazzjoni saret mill-kappella ta' San Bażilju, bħalma jsir fl-okkażjonijiet speċjali marbuta mal-parroċċa. Nhar il-15 ta' Awwissu l-quddiesa kantata kienet pontifikal solenni mmexxi mill-E. T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus. L-attendenza li mballat il-knisja bin-nies għal din il-quddiesa kienet tassew ħaġa ta' min ifaħħarha.

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet intlaħaq bejn l-24 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru f'ġimgħa ta' attivitajiet straordinarji miżmuma fil-knisja. Il-vara maħbuba tal-Assunta għal darb'oħra reġgħet intramat biex issebbaħ il-knisja bi ġmielha. Kull Fratellanza tal-parroċċa ġiet mistiedna tanima r-rużarju u l-quddiesa fi ġranet differenti. Nhar is-26 ta' Ottubru saret lejla kulturali madwar l-istatwa titulari ta' Santa Marija li fiha l-kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti tkellem fuq diversi aspetti artistiċi uniċi li



fiha l-vara titulari tal-parroċċa tagħna. Fl-istess serata, li kien fiha wkoll il-qari tad-dokumenti ta' 175 sena ilu marbutin mal-istatwa, qari ta' poeżija minn Stefano Farrugia kif ukoll kant mis-sopran Francesca Farrugia u l-baritonu Louis Cassar, tnieda l-ktieb "Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba – dokumenti u storja" miġbur mill-Kan. Dun Jonathan Farrugia. Fit-28 ta' Ottubru saret akkademja mużikali mill-aqwa fil-knisja bis-sehem tal-Banda Re Ġorġ V, solisti u l-Coro Bel Canto. Il-Ħadd 30 ta' Ottubru ġie organizzat pontifikal solenni tal-okkażjoni mmexxi mill-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona u li għalih kienu mistiedna s-saċerdoti li għandhom xi parentela mill-Imqabba. Waqt l-omelija Mons. Arċisqof kemm-il darba għamel referenza għall-ġmiel tal-vara tagħna u kemm kull Imqabbi għandu jħares lejha u jara fiha l-Omm waħdanija tagħna lkoll li twassalna għand Binha.

Fl-1 ta' Novembru saret quddiesa solenni kantata mmexxija mill-Kappillan u wara sar pellegrinaġġ bl-istatwa ta' Santa Marija. Minħabba x-xita dan kellu jitqassar, iżda xorta waħda kienet okkażjoni ta' ferħ u ta' ġabra għall-Imqabbin kollha li pparteċipaw bi ħġarhom. Meta l-istatwa ddaħħlet lura fil-knisja tagħha, il-poplu miġbur wera l-ferħ u l-imħabba tiegħu lejn il-Madonna b'ċapċipa spontanja sabiħa devota u dinjituża li kienet tixraq lill-okkażjoni.

Matul is-sena saru xi opri ġodda fil-knisja: saru mill-ġdid ix-xemgħat impittrin ta' madwar l-istatwa ta' Santa Marija u ġew irrestawrati l-lanterni tal-fratellanza tas-Sagrament bit-tħabrik ta' Karmnu Psaila. Saru l-gandlieri tal-festa għall-artali ta' San Gejtanu u San Publiju, kif ukoll sett gandlieri ġodda għall-artal tal-kor. Dawn ilkoll tħallsu minn benefatturi Mqabbin. Ġie wkoll restawrat ir-relikwarju l-prim, li jintuża biss fil-festa ta' Santa Marija, li sen'oħra jagħlaq 100 sena u li tħallas minn Dun Jonathan.

Tassew li, għal darb'oħra, tifkiriet ta' ġrajjiet hekk sbieħ jixirqilhom jitwasslu għaż-żminijiet li għad iridu jiġu.

# Magic Clean

DETERGENTS & TOILETRIES

*Discount Detergent Shop*

Triq Filippu Farrugia, Iż-Żurrieq • **Tel: 2164 7070** (Hdejn il-Museum tal-Bniet)

**Għall-Offerti u Sorpriżi mill-Aħjar**
**• Punti Doppji • Free Deliveries • Prodotti b'Xejn**
**• Bonus Card • L-Orħos u l-Aħjar Prezzijiet**

*Magic Clean... The Heart of Magic Prices*






# Evergreen

## Lawrence Green Grocer

32, Church Square, Mqabba.
Tel: 9987 4318

***Ħxejjex friski, preserves, detergents u ħafna affarijiet oħra***

*Prezzijiet moderati*

# Pudina tal-Milied minn Roberta Vella



120gr dqiq *plain*
50gr intrita tal-lewż pura
180gr frak tal-ħobż
240gr sultana
240gr żbib
300gr passolina
60gr konfettura mqattgħa
180gr zokkor ismar
45gr għasel iswed '*treacle*'
60 tin imqadded
30gr ilma
Tuffieħa mdaqqsa jew tnejn żgħar imqaxxra u mqattgħa f'biċċiet żgħar

## Metodu:

1. Ġo skutella kbira ħallat tajjeb id-dqiq. Ħawwad tajjeb. Agħmel ħofra fin-nofs.
2. Ġo skutella oħra ħallat tajjeb l-intrita. Ftit, ftit ibda ħallat flimkien iż-żewġ taħlitiet. Ħawwad tajjeb. Għatti l-iskutella l-ewwel bl-*istretch and seal*, u wara b'sarvetta. Qiegħed fil-friġġ għal mhux anqas minn 24 siegħa. Tista' tħalliha fil-friġġ sakemm tkun se ssajjarha. Jekk jista' jkun sajjarha dejjem filgħodu.
3. Meta tkun se ssajjar il-pudina idlek skutella bil-marġerina. Imliha sax-xifer bit-taħlita. Aqta' biċċtejn karta tal-forn u biċċa *foil* daqs il-wiċċ tal-iskutella. Għatti l-pudina bihom. Agħfashom tajjeb biex kemm jista' jkun ma jiċċaqalqux.
4. Geżwer l-iskutella l-ewwel f'biċċa karta kbira tal-forn u wara bil-*foil*. Trid tissikka tajjeb biex waqt it-tisjir ma jidħolx misħun fil-pudina. Qiegħed l-iskutella mgeżwra fin-nofs ta' sarvetta kbira. Tella' l-ponot tas-sarvetta lejn in-nofs u agħmilhom forma ta' għoqda kbira. Dawwar spaga ftit 'l isfel mix-xifer tal-iskutella u ssikka tajjeb.
5. Imla borma kbira bl-ilma u agħmilha fuq in-nar. Meta l-ilma jagħli, qiegħed l-iskutella tal-pudina u ibda sajjar. Importanti li l-iskutella tkun mgħottija kollha bil-misħun u dan dejjem irid ikun jagħli. Għalhekk trid iżżomm il-kitla dejjem tagħli biex meta jkun hemm bżonn iżżid l-ilma fil-borma.
6. Mingħandu *pressure cooker* jista' jsajjar il-pudina fiha. Jekk tkun se tuża l-*pressure cooker*, trid timxi eżatt ma' kif ikollok miktub fil-ktieb tal-istruzzjonijiet.
7. Meta l-pudina tkun saret neħħiha mill-ilma. Qegħidha fuq platt. Iftaħ l-għoqda tas-sarvetta, iżda trid tħalli s-sarvetta madwar l-iskutella sakemm tiksaħ għalkollox.
8. Neħħi s-sarvetta, il-karta tal-forn u l-*foil*. Imsaħ tajjeb l-iskutella imma ħalli l-karta tal-forn u l-*foil* li jkun hemm fil-wiċċ. Erġa' orbot sarvetta nadifa u ħalliha hekk sakemm tiġi biex isservi l-pudina.

Akkademja Mużiko-letterarja – 28/10/2011









Rużarju Meditat mill-Fratellanza tar-Rużarju – 25/10/11



Rużarju Meditat mill-Fratellanza tal-Kunċizzjoni – 27/10/2011



Rużarju Meditat immexxi mill-Fratellanza tas-Sagrament – 29/10/11

Pellegrinaġġ bl-Istatwa Titulari ta' Santa Marija – 01/11/2011











Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Pawl Cremona OP – 30/10/11









Seminar dwar l-aspett Artistiku tal-Vara Titulari – 26/10/2011































# L-Attivitajiet tas-Soċjetà fi żmien il-Milied...

## Party tal-Milied għat-tfal

Il-Ħamis, 22 ta' Diċembru
Fil-5:30pm
Fis-Swali Prinċipali tal-Każin
Prezz: €10

## 'Christmas Buffet Dinner'

Il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru, 2011
Corinthia Marina, San Ġiljan
Prezz: €25

## 'Christmas Eve Gathering'

Is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2011
Mit-8:30pm 'l quddiem
Jiġu servuti 'finger foods' mill-bartenders

## 'New Year's Eve Dinner Dance'

Fis-Sede tas-Soċjetà Santa Marija
Mit-8:30pm 'l quddiem
Prezz: €20
Ikel: Għaġin, Majjal u Dundjan,
Deżerta u tazza nbid
Il-Qofol jintlaħaq f'nofsillejl
bix-Xampanja

TROCADERO Pastizzeria & Confectionery

**Tel: 2164 7233**

**Triq San Bażilju, L-Imqabba**

*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna wkoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

CTRONICS

Opening Hrs
Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm
Sat 9.00 Am—12.30 Pm

For appointments Call on
T: 21642744 M: 79478259

Go Subscriptions
Homepacks
Adsl / Tel

Repairs On Notebooks
Repairs On Pc Systems
Format / Repairs
Notebook Upgardes
Pc Upgrades
Virus Removal

Blue Grotto Avenue Zurrieq

**Best Prices on Pc's Notebooks & Netbooks**

Asus Atx Case
Asus Mainboard
Intel Core i5
6GB DDR III
DVD / Card Reader
500 GB 7200
18.5 LED Monitor
Logitech Kb / Mouse
Win 7 Home Premium CD
Antivirus
Open Office





Farell Ironmongery

**FOR ALL YOUR ELECTRICAL AND PLUMBING NEEDS!!!**

*Blue Grotto Avenue, Iż-Żurrieq*

*Tel: 21 647 960*

**Opening hours**

*Monday to Friday from 7.30am till 7.00pm*

*Saturday from 7.30am till 1.00pm*

# Il-pjanta tal-Holly

**minn Antonella Mifsud**



Il-Holly tissimbolizza l-ħajja ta' dejjem. Kien hemm twemmin li din il-pjanta hija sagra u kienu jaħsbu wkoll li din il-pjanta kienet tibqa' ħadra matul is-sena kollha għaliex kienet iffavorita mix-xemx. Leġġenda Kristjana tgħid li f'xitwa minnhom, b'miraklu matul il-lejl, il-Holly kabbret il-weraq barra mill-istaġun tagħha sabiex taħbi l-Familja Mqaddsa mis-suldati ta' Erodi. Minn dakinhar, baqgħet pjanta ħadra matul is-sena kollha bħala simbolu ta' gratitudni m'għand Kristu.

Illum il-ġurnata, il-Holly hija kkunsidrata bħala dekorazzjoni sabiħa għad-dar jew f'xi festivals fi żmien il-Milied, u xejn ma nagħtu kas il-bidu tal-istorja tagħha, li hija sinifikanti ħafna fi tradizzjonijiet kbar tat-twemmin reliġjuż!

# Kont taf li...

**minn Rebecca Farrugia**

- L-ewwel innijiet tal-Milied instabu li kienu bdew fis-seklu erbgħa f'Ruma.
- Għall-ikla tal-Milied, l-Isqallin iservu fuq il-mejda aktar minn 12-il platt b'ħut differenti.



- Fid-dinja jeżistu 37 speċi differenti ta' Falkuni. Dan l-għasfur jista' jtir 200 mil fis-siegħa, b'hekk jirriżulta li huwa l-iktar kreatura li tgħaġġel fid-dinja.
- L-itwal triq fid-dinja jisimha 'Pan-American'; din it-triq tibda mill-Alaska, tgħaddi mill-Kanada, l-Amerka u tispiċċa ċ-Ċile u hija 'l fuq minn 27,353km.
- Ix-xemx hija miljun darba ikbar mid-dinja b'temperatura ta' 6000 grad.
- It-Torri ta' Pisa dam 174 sena biex inbena u beda jixxengel qabel ma kien lest.
- Is-siġra tal-Milied oriġinat fil-Ġermanja u bdiet tiżżejjen fis-seklu 16.
- Hawn aktar minn 20,000 speċi ta' birra differenti.
- Il-qtates għandhom 32 muskola f'kull widna.
- Meta l-kantanta Britney Spears tidħol ġo lukanda, tuża l-isem falz ta' Allota Warmheart biex b'hekk ħadd ma jagħrafha.

# Tliet mistoqsijiet dwar l-istatwa ta' Santa Marija

## (silta mid-diskors ta' Sandro Debono dwar l-istatwa ta' Santa Marija tal-Imqabba)

175 sena... kemm jgħaddi ż-żmien! U maż-żmien kultant ninsew minn xiex ikunu għaddew dawn ix-xbihat, għax bħalma għandna storja aħna, għandhom ukoll storja dawn ix-xbihat. Jibdew bħala opri artistiċi, iżda biż-żmien jiżdiedu magħhom ħafna valuri oħrajn: il-valur tal-identità ta' komunità bħalma hi l-Imqabba, il-valur reliġjuż, il-valur ta' kult, ta' qima u ta' devozzjoni... kollha jħallu effett fuqhom, kollha jibdlu d-dehra tagħhom tul is-snin. Biex nifhmu aħjar l-istatwa titulari tal-Imqabba nistgħu nistaqsu tliet mistoqsijiet li jinsiltu mill-atti notarili li hemm marbutin magħha.

### Għaliex Xandru Farrugia u mhux skultur ieħor?

Meta ttieħdet id-deċiżjoni li ssir din l-istatwa, Farrugia, skultur Żejtuni, kien fl-aqwa tiegħu. Xogħlijiet oħrajn li baqa' magħruf għalihom huma Kristu marbut mal-kolonna, li tinsab iż-Żejtun, Il-Kunċizzjoni li hemm għand il-Franġiskani Minuri tal-Belt u l-Annunzjata ta' Ħal Tarxien, kollha xogħlijiet li juru livell ta' maturità artistika kbira. Iżda aktar minn hekk Xandru kien wieħed miż-żewġ allievi li setgħu esperjenzaw b'mod dirett il-vara ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, xogħol Mariano Girada, li kien tgħallem l-iskultura fi Spanja. Meta kienet qed titnaqqax din l-istatwa Xandru kellu madwar 17-il sena. Kienet drawwa li dak iż-żmien meta tifel juri ħjiel ta' talent artistiku, missieru kien jieħdu għand skultur biex jaħdem fil-bottega tiegħu u jitgħallem is-sengħa minnu. Għalhekk probabbilment Xandru kellu sehem dirett fit-tnaqqix tal-vara ta' Ħal Għaxaq, u dan jagħti ħafna aktar sens lir-raġuni għalfejn hu mill-ewwel aċċetta li jnaqqax din l-istatwa li għandna hawnhekk. L-alliev l-ieħor, li flimkien ma' Xandru wiret l-għodda ta' Girada kien Pietro Paolo Azzopardi, li fiż-żmien meta saret l-istatwa tal-Imqabba kien għaddej minn xi inkwiet li ma ħallihx jaċċetta xogħol.

### Għaliex kellha "tkun fornita b'li hemm bżonn biex tiġi esposta"?

Din kienet waħda mill-kundizzjonijiet li s-saċerdoti Mqabbin poġġew fil-kuntratt. Il-probabbiltà hi, għalhekk li Xandru ħadem l-istatwa b'dak kollu li kellha magħha, inkluż il-pedestall li f'dal-każ huwa parti integrali mill-istatwa. Fi statwi oħrajn il-pedestall huwa dak li jwieżen l-istatwa, dak li sserraħ fuqu l-istatwa. Hemm probabbiltà kbira wkoll li Xandru ħadem anke l-bradella u l-aċċessorji kollha li kien hemm bżonn biex din l-istatwa tinġarr fil-festi kbar li saru biex inġiebet miż-Żejtun sal-Imqabba. Dan huwa punt interessanti għax il-prassi ta' Girada kienet li ma jaċċettax dan ix-xogħol. Hu kien itik l-istatwa li tordna u l-bqija trid taħseb għalih inti, jew inkella hu stess kien iqabbad lil ħaddieħor.

## Għaliex kellha tiġi approvata minn esperti?

Jissemma wkoll li kellha tiġi approvata minn esperti. Dan ukoll huwa punt interessanti ħafna. Fl-att notarili tat-30 ta' Ottubru 1835 tinħass ħafna din l-insistenza biex tkun statwa tajba, li ma jkun hemm ebda dubju li din tkun kapulavur. Għalhekk jissemmew l-esperti. Meta l-istatwa kienet ħa tinġarr miż-Żejtun lejn l-Imqabba nhar l-14 ta' Awwissu 1836 sar att notarili ieħor – din hija ħaġa rari ħafna għax mhux soltu li l-iskultur jilqa' l-aħħar ħlasijiet tiegħu quddiem folla ta' nies li jkunu ġew biex jieħdu l-istatwa. Li hu interessanti hu li f'dan l-aħħar att notarili ma jissemmewx dawn l-esperti. Kien hemm bżonn esperti li jiċċertifikaw li din hija statwa ta' kwalità, li din hija xbieha eċċezzjonali? Jew intalbu u ma dehrux? Jew għarfu li ma kienx hemm bżonnhom? Hawn għandna domanda. Ma kienx każ uniku dan, fejn jissemmew l-esperti. Dawn is-soltu kienu jinġiebu biex żgur ma jkun hemm l-ebda dubju li x-xogħol sar kif kellu jsir u hemm diversi każijiet bħal pereżempju l-vara tal-Madonna tar-Rużarju li tnaqqxet minn Girada għas-Siġġiewi fl-1803. Fl-att notarili ta' din l-istatwa naqraw li d-diżinn ġie rivedut kemm-il darba u li kien hemm bżonn li meta jitlesta' x-xogħol jidħlu dawn iż-żewġ esperti, li f'dal-każ jissemmew b'isimhom.



Biex nifhmu l-vara ta' Santa Marija tal-Imqabba bla dubju ta' xejn irridu nħarsu lejn il-vara titulari ta' Ħal Għaxaq u nifhmu l-ideat li hemm warajha. Probabbli ħafna li l-idea wara l-istatwi ta' Ħal Għaxaq u tal-Imqabba hija l-istatwa tal-Irxoxt ta' Bormla, li nħadmet Spanja. Hija xbieha ħierġa minn ġo qabar. Il-qabar għalhekk għandu funzjoni – huwa parti mill-istatwa. L-idea tal-anġlu wieqaf fil-ġenb u l-kisra tas-sieq ix-xellugija nġiebet minn Spanja minn Girada. B'hekk naraw li ħafna mill-aspetti artistiċi li fiha din l-istatwa tal-Imqabba huma aspetti li jafu l-oriġni tagħhom fi Spanja u lkoll nafu xi storja rikka għandha l-arti statwarja fi Spanja – biżżejjed insemmu l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn l-ideat li nġiebu Malta minn Girada komplew jiġu attwati u żviluppati minn aljievi tiegħu bħal Xandru Farrugia u hawn f'din il-knisja qed naraw ir-riżultat ta' din it-tradizzjoni artistika: statwa sabiħa, devota u eċċezzjonali.

# Il-Paġna tal-logħob!

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | P | Q | P | R | E | S | E | P | J | U | H | A | J | D | G | H | B | P | L |
| C | E | C | G | J | K | M | F | Z | Z | B | A | F | V | D | E | T | X | A | A |
| R | A | O | B | V | Z | N | Q | M | H | Q | Y | A | B | Z | A | S | A | W | S |
| A | B | M | R | N | Z | F | B | E | D | A | S | X | G | N | M | Q | N | L | E |
| A | E | F | H | G | M | P | Q | Z | E | A | A | N | D | K | H | T | D | U | M |
| Z | U | K | A | I | E | P | B | C | K | A | Q | A | G | H | X | O | R | C | A |
| O | N | Q | Z | E | X | M | R | V | T | B | Y | N | U | M | I | P | U | A | N |
| A | I | D | F | B | B | C | A | P | U | T | L | U | C | I | S | Z | F | M | A |
| H | V | Z | Z | M | Q | E | T | R | E | Y | N | T | T | Z | Q | Z | A | M | S |
| L | E | A | S | G | S | D | F | H | T | H | H | G | Y | X | A | W | R | I | A |
| M | R | F | E | E | P | R | E | J | D | I | Y | B | U | C | S | E | R | L | N |
| N | S | M | Q | M | L | G | S | U | C | N | N | V | I | V | X | D | U | L | T |
| V | A | X | A | E | M | Y | Q | I | R | U | M | E | O | B | R | G | G | E | A |
| B | L | Z | W | L | K | J | A | L | F | J | J | F | P | N | V | C | I | R | I |
| H | J | Z | D | A | O | I | W | Q | V | M | U | E | B | M | H | L | A | I | C |
| L | O | L | R | G | I | L | D | A | B | A | N | D | A | L | O | R | A | C | N |
| F | I | H | C | G | J | P | R | Z | T | O | K | Z | N | J | A | D | N | A | D |
| I | N | V | F | G | N | O | G | W | G | L | I | A | D | P | S | D | C | U | K |
| H | T | R | T | Y | U | K | Y | S | B | P | L | Q | A | O | X | S | F | C | L |
| P | Q | A | V | B | H | U | H | X | Y | P | O | R | R | S | K | X | C | H | G |
| F | E | L | I | C | Z | A | M | M | I | T | O | I | F | C | I | R | O | I | P |

## Mistoqsijiet:

1. Min kien l-ewwel President tas-Soċjetà Santa Marija?
2. X'kien igib l-isem tal-aktar surmast li dam imexxi l-Banda Re Ġorġ V?
3. X'kompetizzjoni tan-nar intrebħet mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, fl-2007?
4. Min ħadem l-istatwa ta' Santa Marija?
5. X'ivvinta l-eks-President tas-Soċjetà Santa Marija, Joseph Ghigo magħruf bħala 'n-Naqxi' fl-1960?
6. X'unur ġabet il- Banda Re Ġorġ V fl-1998 mill-Ewropa?
7. X'tip ta' attività ssir mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi żmien il-Milied?
8. X'wirja artistika tittella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-festi tal-Għid il-Kbir?
9. Min pitter il-pitturi artistiċi li nsibu fis-swali tas-Soċjetà Santa Marija?
10. F'liema post ġewwa l-Italja sar l-iskambju kulturali bejn iż-żgħażagħ tas-soċjetà fl-2006?

Il-Premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma: Mouse mat, beritta u keychain taż-żgħażagħ.

Għandkom tibagħtu r-risposti tagħkom fuq dan l-Indirizz: Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba jew tgħadduhom lil xi membru tal-Kumitat taż-Żgħażagħ.

## X'hemm għall-Bejgħ:

**DVDs Antiki mill-1986 sal-1996**
Prezz: 20ewro

**DVD tal-Presepju Ħaj 2010**
Prezz: 3.50ewro

**Mouse mat**
Prezz: 7ewro

**Keychain ta' Santa Marija**
Prezz: 3.50ewro

**Beritta bl-arma tas-Sezzjoni Żgħażagħ**
Prezz: 2ewro

# *Tal-Parrina*

## Confectionery & Convenience Shop

Triq is-Salvatur, Il-Qrendi
Tel: 2164 9489

*Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt*
*mis-6.00am sat-8.30pm*
*Ħdud u Festi mis-6.00am san-12.30pm*



# kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ
Tel: 21649150/21647391 email: kristsouth@onvol.net





# C&G Hardware Store

- **Specialising in Mottura Key Cutting Service**
- **All Cars Keys Cutting Service**
- **Aluminium Ladders**
- **Water Pumps**
- **Electrical Water Heaters**
- **Safety Shoes**



45,
Karmenu Ciantar
Street,
L-Imqabba
Tel: 2164 2167
Mob: 9988 5491

